# Koronata Traskurata

Trevor Żahra

*poeżija bl-istampi għat-tfal iż-żgħar -- pub. Merlin Library Ltd.*

---

## *Ftit ideat għall-għalliema*

---

**L-istruttura tal-ktieb:**

Kif wieħed jista' josserva, il-ktieb huwa mfassal f'għamla ta' poeżija waħda. L-ewwel stampa hija ċkejkna (għax l-imbarazz imsemmi huwa ftit), imma aktar ma jissemma mbarazz, aktar tikber l-istampa, sakemm bil-mod il-mod l-imbarazz tant jiżdied li bil-kemm jibqa' wisa' għall-kitba.

**Logħob:**

a. It-tfal jistgħu jintalbu jsibu fejn qegħdin l-oġġetti li jissemmew fil-poeżija.

Eż. *"Fejn qiegħda t-trumbetta ġol-kalzetta?"*
*"Fejn qiegħda l-wirdiena fuq il-qanpiena?"*

b. Hemm ukoll stampi ta' ġugarelli li fil-poeżija <u>ma jisemmewx</u> (eż. il-pupi u l-lapsijiet tal-kulur). Dawn ukoll tista' ssir diskussjoni dwarhom.

Eż. *"Qegħdin taraw xi oġġett li fil-poeżija ma jissemmiex?"*
*"Għaliex taħsbu li fil-poeżija ma jissemmiex?"*

Eż: *"Forsi għax Koronata tant tħalli mbarazz mitluq bl-addoċċ, li impossibbli ssemmi kollox."*
*Taħsbu li Koronata għandha aktar affarijiet li ma jissemmewx?"*

c. It-tfal jistgħu jintalbu jġibu mid-dar xi ħaġa mill-affarijiet li jissemmew fil-poeżija.

Eż. *Min iġib tanborlin, min iġib ġerżi, min trumbetta, min iġib flokk eċċ...*

u waqt li tinqara l-poeżija, it-tfal jakkumulaw dak kollu li jġibu ġo xi rokna.

d. Meta t-tfal ikun draw sewwa l-poeżija, l-għalliema tista' tibda tibdlilhonm xi vers minnha, biex tara jindunawx liema hu:

Eż: *"Xi sitt platti,*
*fondi w ċatti,*
*kollox plastik kull kulur,*
*hemm suppiera,*
*zukkariera,*
***<u>borma</u>*** *ċkejkna w passatur.*
(suppost tgħid "kitla" u mhux "borma")

**Ritmu u Kant:**

It-Tfal jistgħu wkoll jgħidu l-poeżija waqt li jċapċpu u jżommu r-ritmu.
Jistgħu jintużaw xi strumenti ta' perkussjoni (tanbur, ġlieġel..eċċ)

It-tfal jistgħu jinqasmu fi gruppi u kull grupp jgħid stanza, b'tali mod li grupp iwieġeb lill-ieħor.
Il-poeżija toqgħod tajjeb għall-mużika ta' "Lanċa ġejja u oħra sejra", għalhekk tista' wkoll tiġi ttrattata bħala kanzunetta.

**Diskussjoni:**

Jekk it-tfal jifilħu diskussjoni ċkejkna, wieħed jista' jiddiskuti magħhom id-drawwa ħażina li nħallu kollox bl-addoċċ kif ġie ġie. X'battikata għandhom il-ġenituri ta' Koronata (jew Koronata nnifisha) meta jasal il-mument li l-kamra titnaddaf! Tgħid ikun aħjar li terfa' l-affarijiet f'posthom preċiż malli tlesti minnhom minflok toqgħod iġġemmagħhom?

**Xogħol għad-Dar:**

It-tfal jistgħu jintalbu jsibu 3 jew 4 stampi (minn xi magazin) ta' xi oġġetti minn dawk li jissemmew fil-poeżija u jwaħħluhom fuq il-pitazz. Jistgħu wkoll ipinġuhom.

**Nota ta' l-aħħar:**

Dawn huma biss ftit ideat. L-għalliema żgur kapaċi jżidu magħhom jew jimmodifikawhom skond il-ħtiġijiet tal-klassi tagħhom. L-aktar ħaġa importanti hija li t-tfal jieħdu gost bil-poeżija u jħarsu lejha bħala logħba.

---